

## Ghaliex il-jiem tal-Gimgha Mqaddsa fi Spanja jattiraw tant follol kbar ta’ nies?

Minn stharrig hafif li ghamilt il-fratellanzi spanjoli huma wiehed mill-fatturi ewlenin ghaliex tant devoti u turisti  jiehdu sehem fl-attivita’ tal-jiem tal-Gimgha Mqaddsa fi Spanja. Wahda mill-ghanijiet principali tal-fratellanzi huwa li jxerrdu d-devozzjoni lejn il-passjoni ta’ Kristu fost id-devoti b’mod specjali bil-mument ta’ tbatija ta’ Gesu’ li ghalih tkun imwaqqaf l-fratellanza. Dan ikun imnizzel fl-istatut taghhom.  Kull fratellanza ghandha s-sit fuq l-internet biex tippromovi l-istorja tat-twaqqif taghha, il-misteri titulari taghha  (dak li ghalina huma l-vari), u attitvita’ religjuza u spiritwali ghall-membri taghha. Barra minn dan kull fratellanza thabrek bis-shih matul is-sena biex l-purcissjoni bil-misteri tat-tbatija ta’ Kristu tkun organizata fuq linji folkloristici u religjuzi spanjoli u hekk it-turist jew spettatur jgawdi mill-kultura religjuza spanjola.

Huma l-fratellanzi li ghandhom r-responsabilita li jorganizzaw il-purcissjoni. Ghalkemm huma hafna fin-numru fir-regjuni ta’ Spanja, kull fratellanza ghandha assenjat l-jum u r-rotta partikulari biex tisvolgi l-purcissjoni taghha. Hekk li mill-Hadd il-Palm id-devot jew turist jista’ jgawdi minn mill-anqas erba’ jew sitt purcissjoniet kull jum sal-Jum tal-Gimgha l-Kbira.

Kuntrarju ghal dak li ahna mdorrijin  li fil-purcissjonijet taghna naraw sett ta' vari fuq il-passjoni ta' Kristu, il-fratellanza spanjola jkollha u ghandha biss titular, jigifieri statwa wahda li turi mument mit-tbatija ta' Kristu flimkien mal-vara ta' l-Addolorata.  Issib  eccezzjoni fejn fratellanza jkollha zewg vari barra dik tad-Duluri.

Wiehed jiltaqa' ma' titular ta' l-istess isem f'regjuni differenti ta' Spanja, izda jkun uniku f'dak ir-regjun partikulari. Hekk nghidu li t-titular tad-Dahla ta' Gerusalemm u ta' Kristu Agonizanti issibhom kemm f'Malaga kif ukoll f'Sevilja , izda ma issibhomx ripetuti fl-istess regjun, minkejja li jezistu hafna fratellanzi u li f'xi kazi l-fratellanzi  jghoddu mal-50 wahda.

TITULAR

It-titular tal-fratellanzi  huwa statwa li turi episodju mit-tbatija ta' Kristu.  Ghalkemm l-istatwa tista tkun wahedha, il-fratellanzi gie li ziedu xi figuri ohra matul is-snin biex jaghmlu minn dak il-mument episodju haj.

L-Addolorata ta' kull fratellanza wiehed isibha taht diversi titli.   L-Addolorata issibha dejjem bhala statwa murija wahedha taht il-pallium jew baldakkin mahdum mill-isbah bellus u irrakmat bid-deheb. Ta min jghid hawn pero' li fratellanza minnhom tabbinha ma' San Gwann l-evangelista. Kull fratellanza izzejjen ix-xbiha taghha bi fjuri kkuluriti u ta' kull kwalita' ghalkemm il-kuluri ghall-Addolorata  huma generalment bojod.

Il-purcissjonijiet idumu madwar 8 sighat iduru mal-kwatieri ghad-devozzjijiet tal-fidili u l-ammirazzjoni ta' dawk li gew biex jarawhom.

Haga mhux tas-soltu fil-vari spanjoli huwa l-fatt li dawn huma mlibbsa hwejjeg reali. L-irjus, l-idejn u s-saqajn huma imwahhla fuq korp falz li jkun imlibbes bl-isbha ilbies irrakmat bil-hjut tad-deheb. Naturalment il-kurcifiss, il-flagellazzjoni u l-inkurunazzjoni,  il-korp ta' Gesu' huwa shih u ma jkunx imlibbes.

Xi xbihat ta' Kristu huma akkumpanjati minn figuri ohra biex jaghmlu mill-misteru episodju shih. L-istatwi kollha huma mqiegheda fuq pedestal mill-isbah. Dawn juru skultura mill-ifjen fuq l-injam tal-kawba li xi drabi jkun indurat bid-deheb u daqqiet ohra jkun illustrat. *Il-Paso* kif inhu msejjah fost l-ispanjoli jvarja fid-daqs bejn wiehed u iehor izda kollha huma ta' kobor gmielu. Dawk li jkunu qed isegwu l-hrug tal-Paso jissahru jaraw l-hila tar-reffiegha biex johorgu l-Paso hekk kbir mill-bieb tal-knisja jew kappella jew sede tal-fratellanza. Ikun hemm mumenti meta jcapcpu biex jinkoraggixu l-hila taghhom.   Il-paso jintrefa' minn hafna reffiegha gie li kultant jghoddu mat- tmenin ruh, kemm minhabba l-kobor tieghu kif ukoll minhabba it-toqol tieghu.

Biex tidher aktar is-solennita' ta' l-okazzjoni, il-banda idoqq marci funebri f'kull purcissjoni hlief f'dik tal-fratellanza tas-Silenzju li tulha jinzamm skiet u silenzju rigorz.

Fil-purcissjonijiet jiehdu sehem diversi persuni membri ta' l-istess fratellanzi. Insibu lil dawk li jsejhulhom *penitentes* .



Dawn jilbsu kunfratija sewda u barnuz iswed go rashom biex ma jkunux identifikati u jimxu hafjin fil-purcissjoni jgorru salib. Dan jaghmluh b'sinjal ta' penitenza. Hemm ohrajn imsejha *nazarenos* li jilbsu kunfratija, mantel li jgib l-insinja tal-fratellanza, kapott fir-ras u li jaghtiha u li jkun gej bil-ponta u jibqa' niezel sa fuq is-sider u xi minn daqqiet terha u ngwanti. L-ilbies ivarja fil-kulur minn fratellanza ghal ohra. Kull fratell jzomm xema f'idejh li din ukoll tvarja fil-kulur; tista tkun bajda, jew sewda jew hamra.

Hija uzanza li n- *Nazarenos* tal-fratellanza El Silencio jzommu s-skiet u ma jitkellmux wiehed ma' l-iehor darba libsu il-kunfratija.



Il-fratellanzi jew kif inhuma maghrufa fost l-ispanjoli cofradias huma assocjazzjonijiet religjuzi li jiehdu hsieb l-imagini ta’ Kristu u ta’ l-Addolorata li jintuzaw fil-purcissjonijiet. Dawn jiltaqghu bosta drabi matul is-sena biex jorganizzaw diversi attivita’ l-aktar meta jkunu resqin ic-celebrazzjonijiet tal-Jiem Mqaddsa. Dawn il-fratellanzi jmorru lura lejn is-sittax-il seklu meta t-twaqqif taghhom kien regolat mir-regoli tal-Koncilju ta’ Trentu li haseb biex dawn ikunu bazati fuq id-duttrina Kattolika u ma jinkludux xi tradizzjonijiet pagani .

L-iskop storiku taghhom kien fost l-ohrajn li jixdhu fil-berah il-konvinzjonijiet Kattolici u biex jistiednu lin-nies jippartecipaw fil-liturgija barra mill-knisja.



Il-membri tal-fratellanzi jiehdu b’serjeta’ kbira r-responsabiltajiet taghhom; huma organizzati fi gruppi u f’kumitati u kulhadd ghandu l-parti tieghu x’jaqdi. L-ahbarijiet ta’ l-attivita’ taghhom b’mod specjali fil-jiem tar-Randan isibu ruhhom fil-gazzetti lokali u ma jonqosx li jidhru wkoll fuq is-siti taghhom fl-internet.

Kull fratellanza torganizza attivita’ religjuza fil-jiem tar-Randan bit-titular taghha mzejjent bl-aktar mod devot. Meta imbaghad ikun wasal qrib il-jiem tal-Gimgha Mqaddsa jarmawh fuq il-paso bl-aktar mod impressjonanti.

Il-kappot li jintlibes fir-ras u li jkun gej bil-ponta u jibqa niezel sas-sider hekk li jghatti l-wicc, joffri tifsira lill-membri tal-fratellanza li l-pentitenza li jaghmlu ghandha tkun indirizzata ‘l fuq lejn Alla biex il-Hallieq ikollu hniena minnhom u jiggwidhom fit-triq tas-sewwa.

Ghalkemm fiz-zminijiet l-imghoddija l-membri kienu biss irgiel, fis-snin ricenti n-nisa gew ammessi biex huma ukoll jaghmlu parti mill-fratellanza u hekk ikunu jistghu jaghtu s-sehem taghhom ukoll.

Jekk wiehed jahseb li zmien il-fratellanzi ghadda ikun qed jaghmel zball kbir. Aktar milli jmutu, numru ta’ zaghzagh qed jinghaqdu biex joholqu fratellanzi godda u jkabbru l-attivita’ tal-jiem tal-Gimgha Mqaddsa.

Il-membri tal-fratellanzi jahdmu bla heda biex izommu fi stat perfett ix-xbihat storici.  Dawn huma l-istess nies li minn zmien ghal iehor jaraw li l-ilbiesi tal-figuri jinzammu bil-ghaqal biex ma jigrilhom ebda hsara u jekk ikun il-kaz isir ir-restawr mehtieg biex jesponu l-prodott fl-aqwa mod u stil .

 Kull ufficjal tal-fratellanza ghandu d-dmirijiet tieghu x'jaghmel:  min imexxi l-membri f'ordni biex il-purcissjoni turi serjeta' u devozzjoni u min ikun responsabbli biex il-vari jimxu skond il-pjan u b'ordni. Il-paso jkun mghotti bi drapp jixbah dublett u tahtu ikun hemm ir-reffiegha msejha costaleros, kollha mghawga ganc,  jerfghu il-paso fuq ghonqhom. Ghas-sinjal tal-capatz jew dak inkarigat mill-vara, li generalment tkun daqqa ta' qampiena mwahhla mal-paso l-istatwa tintrefa' f'daqqa u timxi b'dak il-pass meqjus.

Hemm min imbaghad jahdem biex jarma l-paso bil-fjuri li kull min jarahom jasal ghall-fehma  li min ghamel  it- tizjin bhal dak kien tassew imghallem u tas-sengha. Il-banda li ddoqq il-marci funebri tohloq atmosfera li thallik bla nifs.

Dehra ta' persuna tkanta poezija ta' swied il-qalb minghajr akkumpanjament minn  gallarija hija haga komuni. Dak il-hin il-purcissjoni tieqaf bhala sinjal ta' rispett

Xejn ma jsewwed qalb il-membri tal-fratellanza hlief jekk ikun il-maltemp  bix-xita, meta allura johorgu istruzzjonijiet li l-purcissjoni  ghal dik is-sena giet kancellata..  Meta l-maltemp jimminaccja l-hrug tal-purcissjoni, il-fratellanza ma taqtax qalbha u tordna li l-purcissjoni tinzamm xorta wahda bit-tama li ma tfegg ix-xita; jekk taqbadhom ix-xita f'nofs triq, jsibu kenn fl-eqreb post.  L-ispanjoli ma jnizzluhiex li tisfrattalhom il-purcissjoni. Ma hiex haga rari li tara nies jikbu ghax dak li stinkaw ghalih matul is-sena safa' fix-xejn minhabba x-xita jew maltemp qawwi.